MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 926/2012

**GLIMMER LTD** (C-43107)

vs

Avukat Patrick **VALENTINO** u l-P.L. Peter Sammut b'degriet tad-19 ta' Frar, 2013, nħatru bħala Kuraturi Deputati tal-kumpannija barranija Sportsman Leisure Ltd. (HE 98530); u Avenir Leisure & Entertainment Informatics S.A.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-14 ta' Settembru, 2012, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 mħarrka Sportsman

Leisure Ltd għandha tal-Liġijiet ta' Malta; b) issib li s-soċjeta tħallasha s-somma ta' tliet mija u tmintax-il elf tliet mija u tmienja u għoxrin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€318,328.31) rappreżentanti sehemha mill-qsim ta' qligħ mit-tħaddim ta' sistema ta' "*remote gaming"* skond ftehim milħuq fl-1 ta' Awissu, 2010; c) issib li l-kumpannija mħarrka Avenir Leisure & Entertainment Informatics S.A. hija marbuta bl-obbligu li assumiet hi li tħallasha d-djun tal-kumpannija mħarrka Sportsman Leisure Ltd, u dan solidalment magħha fis-somma msemmija ta' €318,328.31); d) tikkundanna liż-żewg kumpanniji mħarrka biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tliet mija u tmintax-il elf tlieta mija u tmienja u għoxrin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€318,328.31) li tirrappreżenta s-sehem tagħha mill-qligħ tat-tħaddim ta' sistema ta' "*remote gaming"* kif fuq ingħad;

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata Avenir Leisure & Entertainment Informatics S.A. skond ir-Regolament Komunitarju relativ, li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħet kontumaċi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smiegħ tal-lum mill-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-kumpannija intimata Sportsman Leisure Ltd;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) **Tgħaddi biex taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;**

2) **Tilqa’ l-ewwel talba** u ssib li l-kumpannija mħarrka Sportsman Leisure Ltd. għandha tagħti lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ €318,328.31 li tirrappreżenta sehemha mill-qligħ tat-tħaddim ta’ sistema ta’ “*remote gaming”;*

3) **Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka Avenir Leisure & Entertainment Informatics S.A. għandha tagħmel tajjeb għall-imsemmi dejn flimkien mal-kumpannija mħarrka Sportsman Leisure Ltd., fl-imsemmi ammont;

4) **Tilqa’ t-tielet talba attriċi;** u tikkundanna lill-kumpanniji imħarrkin attriċi s-somma ta’□flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta tliet mija u tmintax-il elf tliet mija u tmienja u għoxrin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€318,328.31) rappreżentanti s-sehem mill-qligħ mit-tħaddim ta’ sistema ta’ “*remote gaming”* kif fuq ingħad, flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mill-20 ta’ Frar, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv.

5) **Tikkundanna** lill-kumpanniji imħarrkin biex iħallsu **l-ispejjez tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------